MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Numru. 559/2002

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)
vs
Aldo Formosa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Aldo Formosa, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 379774(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fit-12 ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tat-8.00a.m. waqt li kien fil-kumpless ta’ Hal-Ferh limiti ta’ Ghajn Tuffieha, volontarament tefa’ oggett iebes (pressure plate ta’ karozza) fid-direzzjoni ta’ Catherine Galais ta’ nazzjonalita Franciza bil-konsegwenza li dan l-oggett laqat lill-istess Catherine Galais f’wiccha u f’halqha u kkagunalha offiza ta’ natura gravi (permanenti) u dan skond ma kif verbalment iddikjara Dr Alex Azzopardi u Dr James Galea fil-kapacita taghhom bhala dentisti fl-isptar San Luqa;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-14 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) fl-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li tressqu, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokument esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi illi l-vittma Catherine Galais xehdet illi fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni kienet qeghda id-dar, zewgha hareg mill-post fejn kienu qeghdin, jigifieri Hal Ferh Complex, habbat il-bieb u marret twiegeb it-tifla taghha u t-tifla taghha giet tghidilha li kien hemm ragel li ried ikellimha. Catherine Galais marret tara min kien dan ir-ragel, staqsietu xi tlett darbiet min kien pero’ hu ma wiegibhiex. Hija ratlu borza tal-plastik f’idejh. Regghet staqsietu min kien, hu ma qalilhiex x’jismu, pero’ qalilha li kien gie mill-garaxx. Galais xehed illi rat illi fil-plastic bag dan ir-ragel kellu xi haga tal-azzar. Hija kompliet tixhed illi l-imputat fuq imsemmi hareg karta u qalilha “kontravenzjoni, din trid thallasha inti” u dana b’referenza ghal ticket illi kien qalghu Catherine Galais u zewgha wara illi kienu krew karozza four wheel drive mill-garaxx tal-imputat. Hija xehdet illi kienu hallsu bil-quddiem ghal tlett ijiem kirja ta’ din il-vettura, pero’ wara jumejn u nofs il-karozza kienet waqfet u b’kumbinazzjoni dakinhar stess li kienet waqfet il-karozza kienu qalghu citazzjoni. Hija xehdet illi ma kellhomx problema li jhallsu din ic-citazzjoni, pero’ huma riedu illi l-imputat jikkumpensahom ta’ dik in-nofs gurnata illi huma ma kellhomx is-servizz tal-karozza tal-kiri li kienu hallsu ghaliha. Hija rat illi l-imputat beda

jegita ruhu u hija riedet taghlaq il-bieb. Ghal tlett darbiet l-imputat imbotta l-bieb b'saqajh biex ma jhallihiex taghlaq il-bieb. Catherine Galais kompliet tixhed illi l-imputat tefa dak l-oggett tal-azzar illi kellu fil-borza fid-direzzjoni taghha u laqghatha f'wiccha. Hija tilfet hafna demm, haduha l-polyclinic u sussegwentement haduha l-isptar. Catherine Galais kompliet tixhed illi l-imputat kien hareg minn gol-plastic bag l-oggett li kien hemm tal-azzar u kien waddbu fid-direzzjoni taghha u mhux fid-direzzjoni tal-bieb. Galais kompliet tixhed illi ghamlulha seba' punti f'wiccha u illi kellha ferita fonda hafna illi anke messitilha l-ghadma. Hija kellha sinna miksura, ghamlulha xi punti wkoll minn gewwa u l-isptar qalulha sabiex meta tasal Franza tmur ghand id-dentist taghha sabiex tipprova issalva id-darsa. Hija xehdet illi tahseb illi ser ikollha sfregju f'wiccha.

Illi l-imputat gie arrestat, gie moghti s-solita twissija u irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn ammetta illi fil-jum hin u lok kif indikat fl-imputazzjoni huwa mar Hal Ferh Complex fejn kien hemm alloggata Catherine Galais sabiex jigbor "ticket" minghandha. Mar sabiex jigbor il-flus ta' dan it-"ticket". Huwa xehed illi din il-mara kienet kriet karozza minghandu ghal xi erbat ijiem. X'hin wasal habtilha fuq il-bieb u hi fethet, talabha l-flus tat-ticket u hi bdiet tghajjat mieghu u ma tatux flus. L-imputat fl-istqarrija tieghu kompla jghid illi f'idejh kellu l-"parts" tal-hsarat illi hi kienet ghamlitlu fil-karozza li kien krilha. Kellu f'idejh il-"pressure plates" ta' din il-karozza u tefghu fid-direzzjoni tal-bieb taghha u telaq lil hemm. Mistoqsi jekk kienx jaf li kien laqghatha f'wiccha b'dan il-"pressure plate" huwa qal illi ma kienx jafu dan. Huwa baqa isostni illi huwa ma tefghax il-"clutch" ghal wiccha imma tefghu lejn il-bieb.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport esebit mill-Ufficjal Prosekutur, liema rapport ghamluh Dr Alexander Azzopardi u Dr James Galea illi operaw lil Catherine Galais. Irid jinghad ukoll illi dawn iz-zewg tobba ikkonfermaw dan ir-rapport taghhom bil-gurament il-Qorti. Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li Catherine Galais sofriet lacerazzjoni fonda bejn tlieta sa erba' centimetri f'gedduma u kien hemm ukoll lacerazzjoni superficjali ta' seba' centimetri fin-naha tax-

xellug ta' wiccha. Hija sofriet ukoll 'mucosal laceration' ta' zewg centimetri, kif ukoll "laceration of the gengival tissue around tooth 32." "Tooth 32 was de-coronated" jigifieri 'tooth crown broken off' u 'the fracture line on the lingual aspect about 3mm below the gum level. No other obvious dental injuries or any tooth mobility was noted'. Irrizulta wkoll minn dan ir-rapport illi lil Catherine Galais sarulha sitt ponti f'wiccha u minn gewwa sarulha tlett ponti ohrajn.

Illi l-imputat fuq imsemmi xehed f'dawn il-proceduri, ikkonferma illi habbat il-bieb fejn kienet qeghda tallogga Catherine Galais u li fethitlu l-bieb it-tifla taghha. Staqsa ghar-ragel u t-tifla qaltlu "hawn il-mama u ser tkellmek hi". Huwa xehed illi kellem lil Catherine Galais bl-Ingliz u qalilha illi kellha parking ticket u hi bdiet tghajjat mieghu u qaltlu "le jiena kelli hsarat fil-jeep". Huwa xehed illi bdiet tkellmu nofs bl-Ingliz u nofs bil-Franciz u li hu jifhem ftit hafna bil-Franciz. L-imputat kompla jixhed illi qabad il-basket illi fih kien hemm xi spare parts tal-Jeep u uriha illi kien hemm il-hsarat kagunati minnha u minn zewgha fil-Jeep illi kien krilhom. Huwa xehed illi kien ghalhekk illi ha l-basket mieghu. L-imputat kompla jixhed illi Catherine Galais imbuttatu 'il barra bil-basket b'kollox u sabtitlu l-bieb f'wiccu, pero' hu zamm il-bieb b'saqajh u qallha "Sinjura mhux hekk il-hsara ghamiltha u t-ticket illi inti qlajt Bugibba inti trid thallsu ghaliex il-hsara kelli inhallasha jien." Hu kompla jixhed illi Galais regghet imbuttatu 'il barra u huwa waddab il-basket mal-bieb u telaq 'l hemm. Huwa xehed illi l-basket kemm tefghu hdejn il-bieb, mhux bis-sahha, imma kemm tefghu mal-bieb. Hu telaq 'il barra mal-ewwel u Catherine Galais bdiet taghmel il-mossi b'halqha u toffendih biex timita l-mod kif jitkellem hu. Huwa xehed illi ma kienx jaf illi Catherine Galais kienet wegghet u cahad illi wara li telaq hija fethet il-bieb u bdiet tghajjatlu. L-imputat cahad illi kien hareg l-"ispare part" mil-basket. Huwa qal illi halla l-"ispare part" fil-borza, pero' kien fetah il-basket u kien uriha l-"ispare part". Huwa xehed illi ma kienitx l-intenzjoni tieghu illi jitfa l-"part" fil-kamra fejn kienet Catherine Galais, pero' seta' kien illi l-"part" habtet mal-bieb u dahlet fil-kamra. Huwa xehed illi ma rax il-"part" thabbat mal-bieb, pero' semmaha taghmel hekk. Huwa kompla jixhed illi kien xi zewg piedi boghod

mill-bieb meta tefa l-“part” lejn il-bieb, ma tefaghhiex b’sahha, imma telaqha hdejn il-bieb. Huwa kompla jixhed illi x’hin wasal hdejn il-karozza tieghu sema’ ftit storbju, pero’ ma tax kaz x’kien. Huwa qal illi sema’ twerziqa, pero’ ma kienx jaf min kien qieghed iwerzaq. Dahal fil-karozza u baqa sejjer.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni illi ta l-imputat peress illi din hija inverosimili. Illi mhuwiex verosimili illi huwa jghid illi telaq il-“part” hdejn il-bieb u din il-“part” b’xi mod merakoluz taqbez wahedha mal-bieb, tahbat mal-bieb u tigi fuq wicc Catherine Galais. Illi hija aktar verosimili ix-xhieda illi tat Catherine Galais fis-sens illi l-imputat tefgha l-“part” fid-direzzjoni taghha u b’hekk hija intlaqtet f’wiccha u sofriet griehi illi kif gie ippruvat huma ta’ natura gravi. L-imputat xehed illi l-“part” kemm telaqha hdejn il-bieb, halliha hdejn il-bieb sabiex Catherine Galais tkun tista tara l-hsara li kienet ghamlet. Ghaldaqstant ma jistax ikun illi ftit wara l-istess imputat ikompli jixhed hekk, “Il-“part” ma rajthiex tahbat mal-bieb, pero’ smajtha taghmel hekk”. Kif jista jkun illi “part” tahbat ma bieb jekk huwa kull ma ghamlet kien illi telaq il-“part” mal-art, kemm halliha hdejn il-bieb. Jekk wiehed jitlaq oggett hdejn bieb ma jistax ikun illi meta iddawwar wiccu jisma l-istess oggett jahbat ma bieb. Sabiex oggett jahbat ma bieb irid ikun gie mitfuh bis-sahha. Ghaldaqstant jirrizulta car illi l-imputat qieghed jigdeb u il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni tieghu.

Illi wkoll ta’ min issemmi illi l-imputat l-ewwel xehed illi Catherine Galais ma fethitx il-bieb u ma ghajtitlux u umbaghad meta kien ippressat in kontro-ezami xehed illi kif dahal fil-karozza sema twerziqa, pero’ ma kienx jaf min kien qieghed iwerzaq u minn fejn kienet gejja din it-twerziqa.

Illi li kieku l-imputat kien genwin fl-intenzjonijiet tieghu u fl-agir tieghu meta sema t-twerziqa kien imur lura u jara jekk gralhiex xi haga Galais u mhux jibqa sejjer bil-karozza.

Illi l-imputat baqa sejjer ghaliex huwa kien jaf illi kien laqat lil Catherine Galais f'wiccha, beza, tfixkel, ippanikja u ried jitlaq jigri minn fuq il-post.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Awissu, 2002.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta illi huwa instab hati biss ta' kontravenzjonijiet ta' traffiku, kif ukoll talli darba fl-1995 naqas milli jkollu tikketti illi juru l-prezz fuq laring, tuffieh, basal etc. Ghaldaqstant tara illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti. Madanakollu dak illi ghamel huwa serju ferm u jenhtieg illi l-imputat ikollu ix-xabla fuq ghonqu sabiex qatt aktar ma jerga jirrepeti incidenti bhal dawn.

Illi ma danakollu l-Qorti ma tqisx illi dan huwa kaz fejn ghandha tapplika piena karcerarja u dana kemm fl-interess tal-imputat, kif ukoll fl-interess tas-socjeta' in generali. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghal prigunerija ta' sentejn tordna li din il-prigunerija ma ghandhiex tibda isehh hlief jekk f'perjodu ta' erba' snin mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------